Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,972, 9 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 339 tal-2022

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Regolamenti tal-2022 dwar l-Organizzazzjoni, l-Amministrazzjoni u l-Operat ta' Korpi Speċjalizzati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 39(a) u (g) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 dwar l-Organizzazzjoni, l-Amministrazzjoni u l-Operat ta' Korpi Speċjalizzati. Titolu u għan.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jiġu stabbiliti regolamenti komunament applikabbli dwar l-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-operat ta' korpi speċjalizzati stabbiliti skont l-artikolu 9 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 595.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"amministrazzjoni pubblika" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"Kap" tfisser il-Kap tal-korp speċjalizzat kif ipprovdut fir-regolament 5;

"korp speċjalizzat" tfisser il-korpi speċjalizzati stabbiliti mill-Prim Ministru b'ordni fil-Gazzetta skont l-artikolu 9 tal-Att;

"Malta" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-korp speċjalizzat;

"Segretarju Permanenti" tfisser il-persuna maħtura skont l-artikolu 92 tal-Kostituzzjoni li tkun assenjata u qiegħda taġixxi fl-irwol ta' Segretarju Permanenti kif deskritt fl-Att fil-Ministeru responsabbli mill-korp speċjalizzat;

"Segretarju Permanenti Ewlieni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"sena finanzjarja" tfisser il-perjodu ta' tnax (12)-il xahar, li jibda mill-1 ta' Jannar u jintemm fil-31 ta' Diċembru:

Iżda s-sena finanzjarja li bdiet fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2023.

Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 9 tal-Att.

3. Dawn ir-regolamenti huma mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Prim Ministru skont l-artikolu 9 tal-Att.

L-istabbiliment ta' korp speċjalizzat.

4. (1) Korp speċjalizzat għandu jiġi stabbilit skont l-esiġenzi u l-ħtiġijiet tal-amministrazzjoni pubblika u għal numru ta' funzjonijiet li għandhom jiġu eżegwiti f'perjodu definit.

(2) Il-Prim Ministru jista' jistabbilixxi korp speċjalizzat fid-diskrezzjoni tiegħu jew wara l-kunsiderazzjoni ta' talba formali mibgħuta minn Segretarju Permanenti sabiex jistabbilixxi korp speċjalizzat.

(3) It-talba formali msemmija fis-subregolament (2) għandha tinkludi l-funzjonijiet li huma proposti li jiġu assenjati lill-korp speċjalizzat, deskrizzjoni tal-istess, u l-perjodu definit propost. It-talba għandha tkun iffirmata wkoll mill-Ministru propost li jkun responsabbli għall-korp speċjalizzat jew mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

(4) Il-Prim Ministru għandu jippreskrivi l-funzjonijiet u l-perjodu definit imsemmija fis-subregolament (3) fl-ordni maħruġ skont l-artikolu 9 tal-Att.

(5) Korp speċjalizzat ma għandux ikollu personalità ġuridika u għandu jitqies li jagħmel parti mill-Ministeru tal-Ministru:

Iżda jekk il-Prim Ministru jikkunsidra li l-korp speċjalizzat jeħtieġ li jkollu personalità ġuridika separata sabiex ikun jista' jopera u jeżegwixxi l-funzjonijiet tiegħu bl-aħjar mod, il-Prim Ministru għandu jippreskrivi li l-korp speċjalizzat għandu personalità ġuridika fl-ordni maħruġ skont l-artikolu 9 tal-Att.

(6) Għall-fini tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, korp speċjalizzat jista' jikkollabora ma' ministeri, dipartimenti, awtoritajiet, korporazzjonijiet u aġenziji tal-gvern, kunsilli lokali, kunsilli reġjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet u intraprizi privati, u persuni oħra.

(7) (a) Il-Ministru jista' fuq talba tas-Segretarju Permanenti, wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru, jaħtar Bord ta' Sorveljanza bl-irwol li jissorvelja l-operat u l-prestazzjoni tal-funzjonijiet mill-korp speċjalizzat;

(b) Il-Bord ta' Sorveljanza għandu jkun magħmul minn Chairperson, żewġ (2) membri ordinarji li għandhom ikunu maħtura mill-Prim Ministru u segretarju li għandu jkun maħtur mill-Ministru:

Iżda s-segretarju għandu jkun responsabbli mit-teħid tal-minuti tal-laqgħat tal-Bord u mill-kommunikazzjoni tal-Bord, u għandu jkun membru tal-Bord mingħajr vot:

Iżda wkoll l-ineliġibbiltà msemmija fir-regolament 5(5) għandha tapplika *mutatis mutandis* għall-persuni maħtura fuq il-Bord u l-persuni li jaħdmu fil-korp speċjalizzat għandhom jitqiesu li huma ineliġibbli li jservu fuq il-Bord;

(ċ) Il-Bord ta' Sorveljanza jista' jadotta proċeduri ġenerali għall-operat tiegħu.

(d) Il-membri tal-Bord ta' Sorveljanza jistgħu jiġu mħallsa rimunerazzjoni skont id-direttivi applikabbli u l-linji gwida maħruġa mill-Gvern minn żmien għal żmien.

(8) L-eżistenza ta' korp speċjalizzat għandha tintemm, skont liema waħda minn dawn isseħħ l-ewwel:

(a) ma' tmiem il-perjodu definit; jew

(b) mat-twettiq tal-funzjonijiet:

Iżda jekk il-perjodu definit jiskadi u l-funzjonijiet ma twettqux kompletament, u tinħass il-ħtieġa li l-korp speċjalizzat għandu jibqa' jeżisti sakemm jintemm it-twettiq tal-funzjonijiet assenjati, il-Prim Ministru jista' jemenda l-ordni maħruġa skont l-artikolu 9 tal-Att u jestendi l-eżistenza tal-korp speċjalizzat b'numru ta' xhur li iżda ma għandhomx jeċċedu iktar minn tliet (3) snin.

L-operat ta' korp speċjalizzat.

5. (1) Uffiċjali pubbliċi jistgħu jiġu assenjati mill-Prim Ministru sabiex jaħdmu f'korp speċjalizzat.

(2) L-assenjament ta' uffiċjal pubbliku sabiex jaħdem f'korp speċjalizzat ma għandux jippreġudika jew jaffetwa l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li hu ntitolat għalihom l-istess uffiċjal pubbliku, u tul il-perjodu tal-assenjament, hu għandu jibqa' jitqies li hu uffiċjal pubbliku.

(3) Korp speċjalizzat għandu jitmexxa minn Kap maħtur mill-Ministru:

Iżda l-Ministru għandu jaċċerta ruħu li l-persuna maħtura bħala Kap għandha kwalifiki jew esperjenza li jistgħu jgħinuha fit-twettiq tal-irwol tagħha fil-korp speċjalizzat.

(4) Il-Kap għandu jirrapporta lis-Segretarju Permanenti.

(5) Persuna ma għandhiex tkun eliġibbli sabiex isservi bħala Kap jew għandha tiġi skwalifikata milli tkompli sservi bħala Kap:

(a) fejn dik il-persuna tinstab ħatja ta' kwalunkwe reat imsemmi fit-Titoli V, VI u IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(b) fejn dik il-persuna tkun soġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpaniji;

Kap. 386.

(ċ) fejn dik il-persuna tinstab ħatja ta' serq jew frodi, jew li xjentement irċeviet propjetà miksuba minn serq jew frodi, jew tixħim jew ħasil ta' flus, jew ingħatat sentenza għal terminu ta' priġunerija ta' mhux anqas minn tliet (3) xhur;

(d) fejn dik il-persuna tkun legalment interdetta jew inabilitata;

(e) fejn dik il-persuna tkun Imħallef jew Maġistrat tal-Qrati tal-Ġustizzja;

(f) fejn dik il-persuna tkun membru tal-Kabinett skont l-artikolu 79 tal-Kostituzzjoni, jew Segretarju Parlamentari maħtur skont l-artikolu 88 tal-Kostituzzjoni; jew

(g) fejn dik il-persuna għandha interess finanzjarju jew interess ieħor fi kwalnukwe intrapriża jew attività li x'aktarx taffettwa t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala Kap.

(6) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 9(3) tal-Att, il-Kap għandu fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, jaġixxi bi prudenza, diliġenza, attenzjoni u josserva l-akbar *bona fede*.

(7) It-terminu tal-kariga għall-Kap ma għandux ikun marbut mal-perjodu definit tal-korp speċjalizzat:

Iżda t-terminu tal-kariga ta' Kap għandu jintemm jekk il-perjodu definit tal-korp speċjalizzat jiskadi, u jista' jintemm ukoll mal-

mewt jew mar-riżenja ta' dak il-Kap jew mal-iskwalifika ta' dik il-persuna sabiex tkompli sservi bħala Kap.

Il-finanzjament, il-kontroll finanzjarju u l-kontabilità tal-korp speċjalizzat.

6. (1) In-nefqa tal-korp speċjalizzat meħtieġa għat-twettiq tal-ħidma u l-prestazzjoni xierqa tal-funzjonijiet tagħha għandha tkun stabbilita mill-estimi allokati lill-Ministeru tal-Ministru.

(2) Jekk ikun meħtieġ fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, il-korp speċjalizzat jista' jimponi tariffi, rati u imposti oħra kif jistgħu jiġu ppubblikati jew miftiehma mill-Ministeru tal-Ministru ma' partijiet terzi.

(3) Il-Kap għandu jkun responsabbli sabiex jimmaniġġa l-korp speċjalizzat fil-parametri finanzjarji mogħtija.

(4) (a) Il-korp speċjalizzat għandu jħejji rapport annwali fejn għandu jingħata rendikont tal-operat tiegħu, l-attivitajiet, u l-ġestjoni finanzjarja fir-rigward ta' kull sena finanzjarja;

(b) Fir-rapport annwali tiegħu, il-korp speċjalizzat għandu jipprovdi:

(i) ħarsa ġenerali lejn l-operat tal-korp speċjalizzat matul dik is-sena finanzjarja, inkluż referenza għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet, il-miri milħuqa, u l-governanza tal-korp speċjalizzat; u

(ii) ħarsa ġenerali lejn l-operat tal-korp speċjalizzat minn aspett finanzjarju;

(ċ) Il-korp speċjalizzat għandu, fi żmien ħames (5) xhur mill-bidu tas-sena finanzjarja, jittrasmetti u jippreżenta r-rapport annwali dwar is-sena finanzjarja ta' qabel lill-Ministru u lis-Segretarju Permanenti.